

31991R3918

L 372/31

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.12.1991

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3918/91****tad-19 ta' Diċembru 1991****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2603/69 li jistabbilixxi regoli komuni għall-esportazzjonijiet**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-istrumenti li jistabbilixxu l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli u l-istrumenti li jikkonċernaw prodotti agrikoli pproċessati adottati skond l-Artikolu 235 tat-Trattat, b'mod partikolari d-disposizzjonijiet ta' dawk l-istrumenti li jħallu lok għall-deroga mill-prinċipju ġenerali li jipprojbixxi r-restrizzjonijiet jew il-miżuri kollha kwantitattivi li għandhom effett ekwivalenti, bl-eċċezzjoni tal-miżuri waħdanija provduti f'dawk l-istess strumenti,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi, bis-saħħa tar-Regolament (KEE) Nru 2603/69 <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1934/82 <sup>(2)</sup>, l-esportazzjonijiet mill-Komunità għall-pajjiżi terzi huma b'xejn, jiġifieri, mhux soġġetti għal ebda restrizzjonijiet kwantitattivi, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet provduti f'dak ir-Regolament u mniżżla fl-Anness t'hawnhekk;

Billi, mill-adozzjoni ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri neħħew il-biċċa l-kbira mir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet ta' xi prodotti mniżżla f'dak l-Anness;

Billi għandu jitqies dan l-iżvilupp u r-Regolament jiġi aġġornat kif jixraq;

Billi, wara l-31 ta' Diċembru 1992, iż-żamma mill-Istati Membri ta' restrizzjonijiet kwantitattivi kien ikun inkompatibbli mas-suq waħdieni, li jimplika t-nehħija tal-kontrolli fuq il-merkanzija fil-fruntieri interni tal-Komunità;

Billi l-Artikolu 30(5) ta' l-Att Ewropew Waħdieni jiddetermina li l-politiki esterni tal-Komunità Ewropea u l-politiki miftiehma fil-Koperazzjoni Politika Ewropea għandhom ikunu konsistenti;

billi għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jitħallew iżommu xi restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 1992, b'mod partikolari fuq dawk l-esportazzjonijiet li għalihom ir-restrizzjonijiet ġew miftiehma fil-Koperazzjoni Politika Ewropea;

Billi hu neċessarju li jiġu awtorizzati l-Istati Membri li huma marbuta b'impenji internazzjonali li jwaqqfu, f'każijiet ta' diffikultajiet attwali jew potenzjali ta' forniture, sistema għall-allokazzjoni ta' prodotti taż-żejt bejn il-partijiet kontraenti biex jikkonformaw

ma' l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw fir-rigward il-pajjiżi terzi, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet Komunitarji adottati bl-istess għan; billi din l-awtorizzazzjoni għandha tapplika sa l-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri xierqa skond l-impenji li jidħlu fihom il-Komunità jew l-Istati Membri kollha;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2603/69 għandu jiġi emendat bħala riżultat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KEE) Nru 2603/69 hu hawnhekk emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 10 għandu jinbidel b' li ġej:

*"Artikolu 10*

1. Sal-31 ta' Diċembru 1992, il-prinċipju tal-libertà ta' l-esportazzjoni preskritt fl-Artikolu 1 m'għandux japplika:

— għal dawk il-prodotti elenkati fl-Anness I għall-Istati Membri msemmija hemmhekk,

— lanqas għall-esportazzjonijiet li huma fil-preżent ristretti mill-Istati Membri skond deċiżjoni meħuda fil-Koperazzjoni Politika Ewropea.

2. Fejn jidħlu l-prodotti elenkati fl-Anness II, saż-żmien meta l-Kunsill jadotta miżuri xierqa skond l-impenji internazzjonali li jidħlu fihom il-Komunità jew l-Istati Membri kollha tagħha, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jimplimentaw, mingħajr preġudizzju għar-regoli adottati mill-Komunità f'dan is-settur, is-sistema ta' tqassim ta' emerġenza li tintroduċi obbligazzjoni ta' allokkazzjoni *vis-a-vis* il-pajjiżi terzi provduti fl-impenji internazzjonali li jidħlu fihom qabel l-infurzar ta' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-miżuri li fi ħsiebhom li jadottaw. Il-miżuri adottati għandhom jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Istati Membri l-oħrajn.”;

2. L-Anness għandu jinbidel bl-Annessi I u II ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

<sup>(1)</sup> ĠU L 324, tas-27.12.1969, pġ. 25.

<sup>(2)</sup> ĠU L 211, ta' l-20.7.1982, pġ. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 1991.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. DANKERT

---

## ANNEX I

## Prodotti msemmija fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 10 (1)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	L-Istat Membru li japplika r-restrizzjoni
ex 4101 10	Ġlud sħaħ ta' annimali bovini, ta' piż għal kull ġilda li ma jeċċedix 8 kg meta mnixxef b'mod sempliċi, 10 kg meta mmelha fuq in-nixef, jew 14 kg meta friski, mmelha fuq l-imxarrab jew ippreservati xort'oħra	L-Italja
ex 4102	Ġlud mhux ipproċessati tan-nagħaġ jew tal-hrejef (friski jew immelħa, mnixxfa, mogħtija l-kalċju, mqiegħda fis-salmura jew ippreservati xort'oħra, iżda mhux ikkunzati, mogħtija l-lamtu jew ippreparati xort'oħra), kemm jekk bis-suf jew mingħajru jew maqsuma, ta' xort'oħra minn daww esklużi min-nota 1 (ċ) ma' dan il-kapitolu	L-Italja
ex 4102 10	Bis-suf	Franza
ex 4102 10 90	Bis-suf, oħrajn	Franza
ex 4102 29 00	Minghajr is-suf, ohrajn	Franza
ex 4103 10	Ġlud oħra mhux ipproċessati tal-mogħoż jew tal-gidjen (friski, jew immelħa, mnixxfa, mogħtija l-kalċju, mqiegħda fis-salmura jew ippreparati xort'oħra, iżda mhux ikkunzati, mogħtija l-lamtu jew ippreparati iktar), kemm jekk imqaxxa jew maqsuma, ta' xort'oħra minn daww esklużi min-nota 1 (b) jew 1 (ċ) ma' dan il-kapitolu	L-Italja
ex 4301 20 00	Ġlud tal-fur mhux ipproċessati (inklużi r-ras, id-denb, is-saqajn u bċejjeċ jew tqattiegħ' ieħor, adattati għal użu minn persuni fl-industrija tal-pelliċċi), ta' xort'oħra minn ġlud mhux ipproċessati ta' l-intestatura Nru 4101, 4102 jew 4103 jew ta' fniek jew tal-liebru, sħaħ, bir-ras, bid-denb jew bis-saqajn jew mingħajrhom	L-Italja

## ANNEX II

## Prodotti msemija fl-Artikolu 10 (2)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2709 00	Żjut tal- <i>petroleum</i> u żjut ottenuti minn minerali bitumiuzi, krudi
2710 00	Żjut tal- <i>petroleum</i> u żjut ottenuti minn minerali bituminużi, ta' xort'oħra minn krudi; preparati mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor, li jikkontjenu skond il-piż 70 % jew iktar ta' żjut tal- <i>petroleum</i> jew ta' żjut ottenuti minn minerali bituminużi, dawn iż-żjut bħala l-kostitwenti bażiċi tal-preparati:
2710 00 11 sa 2710 00 39	Żjut ħfief
2710 00 41 sa 2710 00 59	Żjut medji
2710 00 61 sa 2710 00 99	Żjut tqal, ħlief żjut ta' lubrikazzjoni, wżati farloggi u bħalhom, ippreżentati f'kontenituri żgħar li ma jikkontjenux iktar minn 250 g nett ta' żejt
ex 2710 00 91 sa ex 2710 00 99	
2711	Gassijiet tal- <i>petroleum</i> u idrokarburi gassużi oħra:
	- Likwifikati
2711 12	- - Propan:
	- - - Propan ta' purità ta' mhux inqas minn 99 %
	- - - Oħrajn
2711 13	- - Butani
	- Fi stat gassuż:
ex 2711 29 00	- - Oħrajn:
	- - - Propan
	- - - Butani